MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2010

Appell Civili Numru. 217/2009/1

**Joachim sive Jack Serra u Alfred Serra**

**v.**

**Georgina Gauci**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B'rikors ġuramentat ippreżentat fl-4 ta' Marzu 2009 quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili l-atturi ppremettew illi permezz ta' att pubbliku datat 21 ta' Jannar 1976 fl-atti tan-Nutar Dr. Joseph Cachia l-esponent Jack Serra

akkwista s-subdirett dominju perpetwu u subċens relattiv għaż-żmien li kien fadal ta' sbatax (17)-il sena, li kienu bdew jgħaddu mill-1 ta' Ottubru 1950, kif ukoll is-sussegwenti utili dominju perpetwu tal-fond bin-numru mija u wieħed u ħamsin (151), bl-isem 'Mary Rose', Fleur De Lys Road, Birkirkara; illi permezz ta' ċedola ta' depożitu u fidi ta' ċens preżentata fit-2 ta' Ottubru 1986, l-esponent Jack Serra feda dan iċ-ċens (Dok. A); illi fiż-żmien li fih akkwista, l-esponenti kien ġia` miżżewweġ lid-defunta martu Inez sive Ines Serra, li għalhekk kellha sehem ta' nofs indiviż mill-fond appena msemmi; illi l-imsemmija Inez Serra mietet fit-8 ta' Settembru 2004 (Dok. B) u l-eredi tagħha, u ċioe` l-esponent Alfred Serra u ħutu, illum għandhom bejniethom in-nofs indiviż tal-imsemmi fond li kien sehemha. Tlieta minn ħut l-esponent Alfred Serra, u ċioe` Julienne Blackman u Lilian Musillani, u kif ukoll Margaret Pace, irrinunzjaw għal sehemhom mill-wirt ta' ommhom; u għalhekk dan in-nofs indiviż jappartjeni lill-aħwa kollha tal-esponent Alfred Serra, ulied l-esponent l-ieħor Jack sive Joachim Serra, ħlief Blackman, Musillani u Pace; illi permezz ta' att pubbliku fl-atti tan-Nutar Dr. Carmel Gafa` datat 27 ta' Novembru tas-sena elfejn u sitta l-esponent Jack Serra ta b'donazzjoni b'mod irrevokabbli lill-esponent Alfred Serra n-nofs indiviż appartenenti lilu mill-fond fuq imsemmi. L-imsemmi Alfred Serra aċċetta din id-donazzjoni f'ismu u bi *promessa de rato* f'isem ħutu kollha. L-esponent Jack Serra f'dan l-att żamm u rriserva favur tiegħu d-dritt ta' użu u abitazzjoni *vita durante* għall-istess fond (Dok. C); illi b'hekk jiġi illi l-esponent Jack Serra huwa l-utent tal-fond, filwaqt li l-esponent Alfred Serra llum huwa wieħed mis-sidien tal-fond in kwistjoni.

Illi għal xi żmien, u senjatament fl-2006, il-konvenuta daħlet fil-fond in kwistjoni.

Illi l-konvenuta, mitluba biex toħroġ mill-imsemmi fond, qiegħda tirrifjuta li tagħmel dan. Mhux hekk biss, talli qed tipprova tbiegħ l-effetti mobbli li jeżistu ġewwa l-istess fond; illi llum il-konvenuta għadha tokkupa dan il-fond mingħajr ebda titolu kwalunkwe fil-liġi; illi għalhekk l-esponenti talbu kemm-il darba lill-konvenuta biex toħroġ u

tirrilaxxa l-fond vakanti favur tagħhom, u dan kien kollu inutli, peress li l-konvenuta baqgħet tokkupa dan il-fond.

Dan premess ir-rikorrenti talbu li dik il-Qorti jogħġobha, għar-raġunijiet fuq premessi:
1. Tipproċedi bid-dispensa tas-smiegħ skond l-Artikoli 167 sa 170 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12);
2. Tiddikjara li l-konvenuta qiegħda tokkupa l-fond bin-numru mija u wieħed u ħamsin (151), bl-isem 'Mary Rose', Fleur De Lys Road, Birkirkara, mingħajr ebda titolu validu fil-liġi; u
3. Tikkundannaha sabiex fi żmien qasir u perentorju tiżgombra mill-imsemmi fond u tirrilaxxah favur l-esponenti ħieles minn kull xorta ta' okkupazzjoni, u fin-nuqqas li tagħmel dan, li l-esponenti jkunu jistgħu joħorġu l-mandati eżekuttivi opportuni għall-iżgumbrament tagħha mill-imsemmi fond;

Bl-ispejjeż, u b'riserva għal kull azzjoni oħra spettanti lill-atturi kontra l-konvenuta, u bil-konvenuta minn issa nġunta in subizzjoni.

Fl-udjenza tat-23 ta' Marzu 2009 (fol. 16) il-konvenuta attendiet u l-Qorti, wara li semghetha, tatha ghoxrin jum zmien biex tipprezenta risposta guramentata. Nonostante dan l-konvenuta naqset milli taghmel dan.

Ghalhekk il-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-1 ta' Gunju 2009, wara li nnutat li l-attur Alfred Serra kkonferma l-kontenut tar-rikors, iddecidiet billi fil-kontumaċja tal-konvenuta, u peress li t-talba attriċi hija ġustifikata, laqghet it-talbiet attriċi, u għall-fini tat-tielet talba ipprefiġġitilha terminu ta' tliet xhur, u kkundannata thallas l-ispejjez tal-kawza.

**L-appell tal-konvenuta.**

Il-konvenuta hassitha aggravata bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk, b'rikors intavolat fid-19 ta' Gunju, 2009, talbet li ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghgobha fl-ewwel lok tiddikjara li hija kienet gustifikata illi ma tipprezentax r-risposta taghha mahlufa fiz-zmien moghti

lilha mill-ewwel Qorti u li konsegwentement tikkoncedielha dan id-dritt u tibghat lura l-atti lill-ewwel Qorti. Talbet ukoll li fin-nuqqas li jintlaqa' l-ewwel aggravju taghha thassar, tikkancella u tirrevoka s-sentenza msemmija u dan billi tichad it-talbiet tal-appellati bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess atturi appellati.

L-atturi appellati pprezentaw risposta ghar-rikors tal-konvenuta fejn irrilevaw li s-sentenza hija gusta u timmerita konferma.

**Ikkunsidrat:**

Dawn il-proceduri gew istititwiti b'rikors guramentat fejn il-Qorti giet mitluba tipprocedi bid-dispensa tas-smiegh skond l-Artikoli 167 sa 170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. It-talba attrici hija intiza sabiex il-konvenuta tigi ordnata tizgombra minn fond li allegatament kienet qed tokkupa minghajr ebda titolu validu fil-ligi.

B'digriet kamerali tal-10 ta' Marzu, 2009 il-kawza giet appuntata ghall-udjenza tat-23 ta' Marzu, 2009 fl-12.00 p.m. "*b'ordni lill-intimata biex tidher f'dik il-gurnata u twiegeb ghat-talbiet tar-rikorrenti*", u bi twissija li fin-nuqqas "*il-Qorti tghaddi biex tiddeciedi minnufih ir-rikors billi tilqa' t-talba tar-rikorrenti.*" Dak inhar giet ordnata wkoll in-notifika tal-konvenuta bl-avviz tas-smiegh tar-rikors.

Jirrizulta li l-konvenuta giet notifikata sew bir-rikors promotur kif ukoll bl-avviz ghas-smiegh fl-20 ta' Marzu, 2009 u effettivament l-istess konvenuta dehret fl-udjenza tat-23 ta' Marzu, 2009. Dak inhar il-Qorti in prim istanza semghet lill-konvenuta u tatha ghoxrin gurnata zmien biex tipprezenta risposta guramentata. Il-kawza giet differita ghall-1 ta' Gunju, 2009 f'12.00pm ghall-provi kollha tal-partijiet.

Fl-udjenza tal-1 ta' Gunju, 2009 deheru l-atturi assistiti, kif ukoll Dr. Anna Mallia ghan-nom tal-konvenuta li talbet "*izjed zmien sabiex tipprezenta r-risposta guramentata stante li l-istess konvenuta tbati minn depression*

*sussegwenti suwicidju ta' binha.*" Il-Qorti ghamlet referenza ghat-terminu moghti lill-konvenuta fl-udjenza precedenti u ghall-fatt li kienet spjegatilha l-importanza tal-prezentata tar-risposta *entro* it-terminu lilha koncess, u konsegwentement cahdet it-talba ta' Dr. Anna Mallia. Il-kawza dak inhar giet deciza billi, fil-kontumacja tal-konvenuta, u stante li t-talba attrici kienet tirrizulta gustifikata, l-istess talba giet milqugha u l-konvenuta giet moghtija tliet xhur zmien ghall-fini tal-izgumbrament.

Fir-rikors tal-appell taghha l-konvenuta ressqet tliet aggravji kontra s-sentenza appellata billi qed issostni:-
a) illi fl-udjenza tal-1 ta' Gunju, 2006 (*recte:* 2009) hi ma nghatatx opportunita` xierqa sabiex tiggustifika l-kontumacja taghha;
b) illi mill-atti ma tirrizultax r-rinunzja ta' whud mill-eredi ta' Inez Serra u konsegwentement jirrizulta nuqqas ta' integrita` tal-gudizzju; u
c) li hija ghandha titolu ta' kera fuq il-fond mertu tal-kawza.

**Ikkunsidrat:**

Illi qabel xejn ghandu jigi kunsidrat l-ewwel aggravju tal-appellanti billi jekk jintlaqa' din il-Qorti tkun tenuta li tibghat l-atti lill-ewwel Qorti sabiex jigu ezaminati l-eccezzjonijiet li l-istess konvenuta tista' tressaq b'difiza ghat-talba attrici. Fil-kaz kuntrarju, u cioe` jekk l-ewwel aggravju ma jirrizultax gustifikat, allura jigri li l-konvenuta tibqa' fi stat ta' kontumacja bir-rizultat li l-eccezzjonijiet taghha li huma kontenuti fit-tieni u t-tielet aggravju, ma jkunux jistghu jigu kunsidrati.

Il-konvenuta qed tipprova tiggustifika l-kontumacja taghha billi ssostni li hija ghandha kundizzjoni medika li timpediha milli tohrog mid-dar taghha u tiltaqa' jew tkun fil-presenza ta' persuni estranei. Kien ghalhekk, skond l-istess konvenuta, li hija naqset milli tipprezenta r-risposta taghha fit-terminu moghti lilha mill-ewwel Qorti fl-udjenza tat-23 ta' Marzu, 2009.

Ezaminati l-atti, inkluza r-risposta tal-kontro parti u d-dokumenti minnha ezebiti, din il-Qorti ma hijiex sodisfatta li kien hemm xi raguni impellenti li kien jiggustifika lill-konvenuta milli tottempera ruhha mal-ordni tal-Qorti li tatha terminu ghal prezentata tan-nota tal-eccezzjonijiet.

Infatti jirrizulta mill-korrispondenza ezebita mill-kontro-parti li l-pretensjoni tal-atturi kienet ilha qed tigi avvazata sahansitra mit-2 ta' Dicembru, 2006 meta l-atturi, tramite l-Avukat Anthony Ellul, kienu talbu lil Gauci tirritorna c-cavetta tal-fond mertu tal-kawza. Wara din l-interpellazzjoni l-istess konvenuta kienet ikkomunikat mal-Avukat taghha zgur fi tlett okkazzjonijiet billi inkarigat lil Dr. Edward Gatt jikteb lil Dr. Anthony Ellul fil-5 ta' Dicembru, 2006, fid-19 ta' Dicembru, 2006 u fl-10 ta' Jannar, 2007. Altru ghalhekk li l-konvenuta kienet tibza' tohrog mid-dar jew tiltaqa' ma' terzi. Barra minn hekk jidher li l-istess konvenuta, notifikata bir-rikors promotorju ta' din il-kawza u bl-avviz ghas-smiegh taghha, attendiet l-ewwel udjenza, u ghalkemm ma jirrizultax mill-verbal jekk kinitx assistita, huwa allegat li dak inhar kienet assistita minn Dr. Edward Gatt. Fit-tieni udjenza l-konvenuta ma dehritx biss deheret minflokha Dr. Anna Mallia li talbet estensjoni tat-terminu. Dan juri li bejn l-ewwel u t-tieni udjenza l-istess konvenuta kienet ukoll kapaci tinkariga avukat iehor biex jassistiha. Dan kollu juri li l-kundizzjoni taghha ma kinitx tant gravi li kienet timpediha milli tikkomunika ma' estranei. Inoltre l-istess konvenuta, wara li nghatat is-sentenza, regghet kellmet avukat iehor u cioe` Dr. Edward Zammit Lewis u dan sabiex jigi ppreparat u pprezentat ir-rikors tal-appell, f'liema inkontru hija tat lill-istess avukat ir-ragunijiet kollha koncernanti l-aggravji ghas-sentenza appellata. Jirrizulta wkoll li l-appellanti dehret fl-udjenza tal-1 ta' Dicembru, 2009 quddiem din il-Qorti u sahansitra xehdet b'mod kalm dwar is-sitwazzjoni finanzjarja taghha konnessa mat-talba biex tigi ammessa ghall-beneficcju tal-garanzija bil-gurament.

Issa stat ta' kontumacja, rizultanti wara proceduri mehuda a tenur tal-Artikolu 167 tal-Kap 12 u cioe` meta l-parti mharrka tkun dehret u tat spjegazzjoni sodisfacjenti ghall-Qorti biex hija tikkontesta t-talbiet attrici, fil-fehma ta' din il-

Qorti, tammonta ghall-disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti billi turi animu ta' nonkuranza lejn ir-regoli tal-procedura u rispett lejn dik il-Qorti. Fic-cirkostanzi din il-Qorti hija tal-fehma li altru li jrid jkun hemm ragunijiet serji biex tigi spurgata dik il-kontumacja u, li, fil-kaz prezenti, dawn ir-ragunijiet ma jirrizultawx. Fic-cirkostanzi l-ewwel aggravju qed jigi michud, u konsegwentement il-konvenuta kienet u baqghet kontumaci.

Stante l-kontumacja tal-konvenuta mhux il-kaz li jigu ezaminati l-aggravji l-ohra billi dawn jikkoncernaw il-mertu.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tal-konvenuta qed jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata bl-ispejjez ta' dan l-appell ghall-konvenuta appellanti. It-terminu ta' tlett xhur moghti lill-konvenuta biex hi tirrilaxxa l-fond mertu tal-kawza jibda jghaddi millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------